**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 12 ta' Ottubru, 2016**

**Rikors nru: 106/14 MLF**

**Noel Spiteri u Robert Barbara flimkien ezercjenti n-negozju bl-isem "Norob Installations"**

**Vs**

**Albert Bonnici u b'digriet ta' din il-Qorti tat-13 ta' Frar 2015, giet awtorizzata korrezzjoni fis-sens illi l-kliem "Albert Bonnici" l-okkju ghandu jinqara "Bartholomeo sive Albert Bonnici"**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors fejn l-atturi talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallashom is-somma ta' disat elef u sebgha u tletin Euro u tlieta u tletin centezmu (€ 9,073.33), liema somma tirrapprezenta prezz ta' xoghol u fornitura ta' materjal elettriku, liema xoghol sar mir-rikorrenti fuq inkariku

tal-intimat gewwa razzett fil-Maghtab bl-isem ta' 'Eurostar' u dan skond fattura annessa mar-rikors promotur u mmarkata bhala 'Dok.A.'

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali tas-6 ta' Frar, 2014 (Dok.X) kif ukoll tal-mandat ta' sekwestru li gie pprezentat kontestwalment mar-rikors promotur, u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut.

Rat ir-risposta tal-konvenut Bartholomeo sive Albert Bonnici fejn eccepixxa preliminarjament:

(1) Illi l-konvenut mhumiex il-legittimu kontradittur ta' din l-kawza kif l-atturi huma ben konsapevoli.
(2) Illi l-esponent jikkonferma illi l-atturi gew inkarigati sabiex jezegwixxu u jfornu xoghol u materjal tal-elettriku; madanakollu kwantu mitlub m’huwiex dovut lilhom ghar-ragunijiet segwenti:

a. Billi l-atturi qatt ma hargu fattura fiskali skond il-ligi u billi l-kont kif mahrug fih komputazzjoni hazina tal-VAT dovut, billi jinkludi VAT fuq VAT; fi kliem iehor l-atturi ikkwotaw il-prezzijiet li bihom xtraw il-materjal bil-VAT inkluz u regghu ziedu l-VAT fuq tali ammonti;
b. Billi gew verifikati l-metragg u l-kwantitajiet tal-materjali uzati u nstabu diskrepanzi kbar facilment verifikabbli minn espert tekniku; u
c. Billi d-depozitu mhallas lill-atturi akkont ta’ l-istess xogholijiet waqt li kienu ghaddejjin ix-xogolijiet ma giet imnaqqas mill-bilanc finali tal-prezz.

Illi b'digriet tas-6 t’Ottubru 2014, din il-Qorti ordnat li l-provi mressqa jigu limitati ghall-ewwel eccezzjoni biss.[1]

Semghet ix-xhieda u rat l-atti u d-dokumenti kollha esebiti dwar l-ewwel eccezzjoni.

[1] Ara fol.12 tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi u semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet fuq din l-istess eccezzjoni.

**Il-Fatti**

Hemm konflitt bejn ix-xhieda tal-atturi u dik tal-konvenut fuq il-fatti sabiex jigi determinat min hu l-legittimu kontradittur, u ghalhekk il-Qorti se tati riasssunt taz-zewg versjonijiet.

*Verzjoni tal-konvenut*

1. Il-konvenut ghandu socjeta li jisimha Eurostar Co Limited, li taghha hu azzzjonist principali u direttur. Din is-socjeta topera farm ghat-trobbija tal-fniek.
2. Il-konvenut talab *quotation* minghand l-atturi ghal xogholjiet ta' installazzjoni in konnessjoni mas-sistema tal-elettriku tal-farm imsemmi, li huma x-xogholijiet mertu ta' din il-kawza.
3. Hu jghid li kien talab lill-atturi l-*quotation* u kwalsiasi fattura eventwali fuq Eurostar Co. Limited, u dan kien ghamlu peress li kien jaf li bhala socjeta' seta' jgawdi minn sussidju minghand l-Unjoni Ewropeja.
4. Il-konvenut jikkonferma li l-*quotation* inharget fuq ismu u wara ismu, tra parentezi kien hemm il-kelma "Eurostar". Din il-*quotation* inharget fit-22 ta' Ottubru 2012 (Dok BB1).[2]
5. Il-konvenut jghid li meta bdew ix-xogholijiet, l-atturi talbuh jaghmel *down payment*, u l-atturi kienu hargulu rcevuta fiskali fuq isem Eurostar Co. Limited, bil-Vat number tas-socjeta' kif miftiehem, fuq talba tal-konvenut. Din l-ircevuta fiskali hija datata 30 t'Awissu 2010 u hija ghall-ammont ta' €4,430.80.[3]

5. Jirrizulta li la fil-*quotation* in kwistjoni u lanqas fi *quotations u invoices* mahrugin f'dati precedenti mahruga mill-atturi lill-konvenut (Dokumenti BB3, BB4 u BB5) il-kliem "Eurostar Co. Limited" ma jidhru imkien, u l-klijent hu f'kollha indikat bhala "Mr Albert (Eurostar).[4]

---

[2] Ara Dokument BB1 a fol. 15 tal-process, li kopja tieghu hija annessa mar-rikors promotur bhala Dok A.
[3] Ara Dokument BB2 a fol. 16 tal-process
[4] Ara fol.15, 29-30 tal-process.

6. Il-konvenut jikkonferma li ma kienx talab lill-atturi biex jikkorregulu dawn il-*quotations u l-invoices.* L-unika dokument li nhareg fuq is-socjeta' Eurostar Co. Limited hija l-ircevuta fiskali tat-30 t'Awwissu 2010.

*Il-Versjoni tal-Atturi*

7. L-attur Noel Spiteri jghid li hu u l-attur Robert Barbara jezercitaw negozju fl-isem ta' "Norob Installations". Hu jghid li l-konvenut kien qabbadhom jaghmlu installazzjoni tal-elettriku f'farm tal-fniek. L-atturi kienu lestewha u l-konvenut hallashom. Dan ix-xoghol hu dak imsemmi fil-quotations ezebiti bhala Dok BB4 u BB5 u kien jammonta ghal €4,430.90. Skond l-attur Noel Spiteri, kien biss meta gie biex ihallas l-ewwel fazi li l-konvenut kien talab lill-atturi, biex johorgulu l-ircevuta fuq Eurostar Co. Limited u dawn hekk ghamlu. Huma kienu jafuh bhala "Bertu tal-Eurostar" [5]. Skond l-attur Spiteri, dan ix-xoghol m'ghandux x'jaqsam mal-meritu ta' din il-kawza.

8. Wara ftit taz-zmien, l-konvenut rega' cemplilhom u talabhom jaghmlulu iktar xoghol ta' istallazzjoni tal-elettriku fil-farm, u hargulu invoice fuq "Mr. Albert (Eurostar)" – l-invoice in kwistjoni – u l-konvenut iffirmaha.

9. L-attur Spiteri jghid li l-konvenut qatt ma semma xi kumpanija meta talabhom jaghmlu la l-ewwel u lanqas it-tieni xoghol, u kienu jafuh b'ismu. Huma kienu jisimghu lill-bennejja jghidu *"gej Bertu tal-Eurostar"* Kien biss meta hallas ghall-ewwel xoghol li talabhom jaghmlu l-ircevuta fuq is-socjeta Eurostar Co. Limited, kif fil-fatt ghamlu. Spiteri jghid li likieku l-konvenut talbu jbiddel l-invoice in kwistjoni minn fuq ismu ghal fuq isem is-socjeta ma kienx ikollu problema.

[5] Ara fol.35 tal-process.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Kif diga inghad din is-sentenza hija limitata ghall-ewwel eccezzjoni tal-konvenut li hu ma kienx il-legittimu kontradittur f'dina l-kawza.

Il-konvenut jallega li l-legittimu kontradittur f'din il-kawza kellha tkun is-socjeta' Eurostar Co. Limited – socjeta li taghha hu azzjonist princpali u direttur - ghaliex hija kienet ghamlet l-ordni ghas-servizzi tal-atturi.

Hija haga minn ewl id-dinja li bniedem normalment jikkontratta ghalih inniffsu u dik hija l-presunzjoni sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor, jew jekk dan ma jindikahx espressament. Il-piz tal-prova li min jikkontratta ghamel hekk f'isem haddiehor tinkombi fuq min jaghmel l-allegazzjoni.

Fis-sentenza **John Vella nomine et vs. Anthony sive Mario Anthony Vella et**, deciza fit-3 ta' Dicembru 1999, il-Qorti tal-Appell irriteniet hekk fuq kwistjoni identitka:

*"L-appellanti allura kellhom jippruvaw mhux biss li n-negozju sar ghas-socjeta gestita mill-appellant immwa wkoll illi fil-mument meta sar tali negozju s-socjeta konvenuta kienet konsapevoli tal-fatt li min pogga l-ordni maghha u min maghha kien ikkonkluda n-negozju kien qieghed f'dak il-mument jagixxi in rapprezentanza tas-socjeta gestita mill-konvenut. Hu dak il-mument li kien rilevanti u kien f'dak il-mument illi min innegozja mas-socjeta attrici kellu jirrileva b'mod car u univoku illi f'dik il-kontratazzjoni ma kienx qieghed jidher f'ismu imma f'isem persuna ohra ben identifikata. Kellu jassigura li dan il-fatt ikun gie sewwa a konoxxenza tas-socjeta atrici f'dak il-mument, ghaliex altrimenti jkun qieghed jassumi personalment ir-responsabbilita ghan-negozju minnu kontrattat u ghall-obbligi li kien jimporta."*

Fis-sentenza **Lawrence Formosa et nomine vs. Silvio Felice**, deciza fis-6 t'Ottubru 1999, il-Qorti tal-Appell tat direzzjoni deciza lill-gudikant meta jkun rinfaccat b'eccezzjoni bhal dik in kwistjoni u rriteniet hekk:

*"… … (K)onsegwentement il-presunzjoni 'iuris tantum' kellha tkun illi min jikkontratta kien qieghed jikkontratta f'ismu personalment. Prova kontrarja naturalment kellha tispetta l-persuna li kien qed jidher f'isem u ghan-nom ta' haddiehor. Dan mhux biss kellu jipprova li*

*hu kien qieghed jagixxi bhala mandatarju ta' haddiehor imma wkollu kelu jipprova illi tali fatt kien gie a konoxenza tal-persuna li maghha jkun qieghed jikkuntratta u dana sal-mument meta l-ftehim ikun gie finalizzat.*

*Sewwa jinghad li l-prova mehtiega biex tigi newtralizzata din il-presunzjoni 'iuris tantum' tvarja sewwa minn kaz ghall-iehor. Jispetta lill-gudikant li jizen ic-cirkostanzi ta' kull kaz biex jasal ghall-konvinciment jekk kellux jew le jkun apparenti lill-kontraenti illi xi parti kienet qed tidher in rapprezentanza ta' haddiehor. Certi kazijiet huma ovvji, ohrajn mhux daqstant ovvji. Fejn hemm dubbju pero, wiehed kellu jippresumi illi l-persuna li qed tikkuntratta kienet hekk qed taghmel f'isimha proprju."*

Fil-kaz odjern, l-invoices u quotations kollha mahruga mill-atturi – inkluza dik in kwistjoni - jindikaw lill-konvenut bhala "Mr.Albert (Eurostar)". Mhux kontestat li l-konvenut qatt ma talab lill-atturi biex jikkoregu dawn l-invoices u quotations u johorguhom fuq is-socjeta' Eurostar Co. Limited. Dan minkejja l-fatt li l-konvenut jghid li meta ngagga s-servizzi tal-atturi, kien qieghed jinnegozja ghan-nom ta' din is-socjeta, u qalilhom biex johorgu il-quotations u l-fatturi kollha fuq din is-socjeta, stante li din is-socjeta kienet tibbenefika minn sussidju tal-fondi tal-Unjoni Ewropeja. Il-konvenut mhux biss ma talabx lill-atturi jikkoregu il-quotation in kwistjoni izda wkoll sempliciment iffirmaha, minghajr ma indika li qed jiffirmaha f'isem u ghan-nom ta' din is-socjeta.

Allura il-mistoqsija wahedha tqum: ghaliex meta l-konvenut induna li l-quotations u invoices mibghuta mill-atturi ma kienux qedghin jindikaw lil min, skond hu kien verament obbligat, ghaliex ma ssenjalax dan il-fatt mill-ewwel lill-atturi biex il-patti jkunu kjari mill-bidunett? Ghaliex stenna li ssir din l-kawza biex zeffen fin-nofs lis-socjeta' tieghu?

L-uniku dokument fejn jidher li l-fatturi hargu fuq is-socjeta' Eurostar Co.Limited, hija meta l-atturi hargulu l-ircevuta fiskali ghall-ewwel xoghATol li qabbadhom jaghmlu l-konvenut. Mill-provi jirrizulta li dan kien hlas ghal invoice datata 10 ta' Settembru 2010 fuq xoghol li sar precedentement, u l-ircevuta fiskali iggib id-data 30 ta' Awissu 2010, u fuq l-invoice miktub bl-idejn hemm il-kliem *"paid 11-9-2010'*". Minkejja d-diskrepanzi fid-dati, l-ammont tal-invoice u dak tal-ircevuta huwa l-istess €4,430.90. Il-konvenut jistrieh hafna fuq din l-ircevuta fiskali bhala il-prova li l-atturi kienu jafu li huma kienu ikkuntrattaw mas-socjeta Eurostar Co. Ltd u mhux mieghu personalment.

Huwa manifest mill-assjem tal-provi li l-interess tal-atturi kien illi jithallsu; min effettivament ihallashom ghalihom kien immaterjali. Dan johrog car mix-xhieda tal-attur Noel Spiteri, fejn xehed li meta wara li lestew l-ewwel xoghol, l-konvenut talbu jaghmel l-ircevuta fuq Eurostar Co. Ltd., l-attur wiegbu *"Ghidtlu "jien mhux problema. Jien nithallas u l-ircevuti nista naghmilha fuq min trid.""*[6]

Kif gie ritenut fis-sentenza **Carmel Gauci vs. Neville Xuereb**, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili[7] fil-15 ta' Mejju 2015, *"Hija l-fehma ta' din il-Qorti illi din attitudini 'unilaterarja' li ma hi xejn anormali jew insolita. Bhala fatt m'ghandux ikun hemm dubju illi l-vantagg li ricevuta fiskali tohrog fuq kumpanija mhux fuq persuna fisika kien kollu kemm hu favur il-konvenut. Billi b'kumpanija (flok persuna fisika) bhala l-persuna li qeghda teffettwa l-hlas, kien jintitola lill-kumpanija li tirreklama rifuzjoni tat-taxxa fuq il-valur mizjud."*

Fil-kaz odjern, il-konvenut jghid ukoll – ghalkemm ma ressaq l-ebda prova ta' dan – li l-kumpanija kienet tibbenifika minn sussidji tal-fondi tal-Unjoni Ewropea.

Ghalhekk bhalma irriteniet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Gauci vs Xuereb** fuq citata, ghal din il-Qorti, aktar milli prova ta' kontrattazzjoni ma' kumpanija mhux ma persuna fisika, l-ircevuta fiskali hija prova tal-interess tangibbli li kellu l-konvenut li r-ricevuta fiskali tohrog f'isem kumpanija u mhux f'isem il-konvenut de proprio.

Dan aktar u iktar meta wiehed iqis, li wara l-hrug ta' din l-ircevuta fiskali, l-konvenut rega' talab lill-atturi jaghmlulu xi xoghol iehor ta' installazzjoni u l-quotation regghet harget fuq "Mr Albert (Eurostar)" u l-konvenut ma talabhomx jikkoreguha, anzi iffirmaha minghajr ebda oggezzjoni u din il-quotation tifforma l-mertu tal-kawza odjerna.

Mis-suespost huwa car li l-atturi kienu gustifikati li jemmnu li huma kienu qieghdin jikkontrattaw mal-konvenut personalment. Pero ghalihom min ihallas kien immaterjali u cioe jekk jithallsux minghand il-konvenut jew minghand persuna guridika. Ghall-atturi l-kontrattazzjoni u l-pagament kienu zewg materji distinti u separati.

---

[6] Ara xhieda tal-attur Noel Spiteri a fol. 35 tal-process.
[7] *Per* Imhallef Joseph Zammit McKeon.

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet suesposti, din il-Qorti ma tistax tara kif din l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut tista' tigi milqugha.

**<u>Konkluzjoni</u>**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tichad l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenut, bl-ispejjez ta' dan l-incident kontra tieghu, u tordna l-prosegwiment tal-kawza skond il-ligi.

**Magistrat**

**Alan Zerafa**
**Deputat Registratur**